

Kawża C-408/04 P

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

vs

Salzgitter AG

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Approvazzjoni tal-Kummissjoni abbażi tat-Trattat KE — Impriża ta’ l-azzar — Artikoli 4(c) KEFA, 67 KEFA, u 95 KEFA — Trattat KEFA — Trattat KE — Kodiċi ta’ Għajnuna għall-Industrija ta’ l-Azzar — Applikazzjoni konkomitanti — Inkompatibbiltà ta’ l-għajnuna — Notifika obbligatorja ta’ l-għajnuna mogħtija — Nuqqas ta’ notifika lill-Kummissjoni — Nuqqas ta’ reazzjoni ipprorogat mill-Kummissjoni għal tul ta’ żmien — Deċiżjoni ta’ restituzzjoni — Prinċipju ta’ ċertezza legali — Protezzjoni ta’ l-aspettattivi leġittimi — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta’ motivazzjoni”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali Y. Bot, ippreżentati fil-11 ta’ Settembru
2007 I - 2772
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta’ April 2008 I - 2841

Sommarju tas-sentenza

1. *KEFA — Għajnuna — Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA — Kampijiet ta’ applikazzjoni distinti (Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA)*

2. *Atti ta' l-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata (Artikoli 4(c) KEFA u 15 KEFA)*
3. *KEFA — Kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat — Regoli relattivi għall-ghajjnuna mill-Istat — Inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE (Artikolu 305(1) KE)*
4. *KEFA — Ghajjnuna — Irkupru ta' ghajjnuna illegali — Ċertezza legali (Artikolu 4(c) KEFA)*

1. Filwaqt li l-Artikolu 4(c) KEFA jipprojbixxi l-ghajjnuna mill-Istat lill-impriżi ta' l-azzar u tal-faħam, mingħajr ma jiddistingwi skond jekk hijiex ghajjnuna individwali jew ghajjnuna mħallsa b'applikazzjoni ta' skema ta' ghajjnuna mill-Istat, l-Artikolu 67 KEFA jirreferi espressament għall-ghajjnuna mill-Istat biss fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni li jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni, skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 67(2), favur impriżi ta' l-azzar u tal-faħam, meta dawn ta' l-aħħar jsofru żvantaġġi kompetittivi minħabba miżuri ta' politika ekonomika ġenerali.

Barra minn hekk, l-Artikoli 4 KEFA u 67 KEFA jkopru żewġ oqsmha distinti, l-ewwel jabolixxi u jipprojbixxi ċerti interventi ta' l-Istati Membri fil-qasam li t-Trattat KEFA jissuġġetta għall-ġurisdizzjoni Komunitarja, it-tieni intiż sabiex jipprevjeni d-distorzjoni tal-kompetizzjoni li l-eżerċizzju tas-setgħat ikkonservati mill-Istati Membri inevitabbilmment jinvolvi. L-Artikolu 67 KEFA jkopri l-miżuri ġenerali li l-Istati Membri

jistgħu jadottaw fil-kuntest tal-politika ekonomika u soċjali tagħhom u l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u applikabbli għal setturi oħra għajr l-industriji tal-faħam u ta' l-azzar, iżda li jistgħu jkollhom riperkussjoni kunsiderevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-imsemmija industriji.

Barra minn hekk, l-interventi msemmija fl-Artikolu 67 KEFA ma jistgħux ikunu dawk li l-Artikolu 4 KEFA jiddikjara inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u ta' l-azzar, aboliti u pprojbiti taħt kwalunkwe forma li jkunu. Fil-fatt ma jistax ikun aċċettat li l-awturi tat-Trattat KEFA ddeċidew fl-Artikolu 4(c) KEFA li s-sussidji jew l-ghajjnuna mogħtija mill-Istati Membri taħt kwalunkwe forma kienu aboliti u pprojbiti, sabiex jiddikjaraw wara fl-Artikolu 67 KEFA li, anki mingħajr ma kienet awtorizzata mill-

Kummissjoni, din l-ghajjnuna setgħet tkun aċċettata, suġġetta għall-miżuri rakomandati minnha sabiex tnaqqas jew tirmiedja l-konsegwenzi.

Tali interpretazzjoni ma tippreġudikax l-effett utli ta' l-Artikolu 67 KEFA, miżuri ta' politika ġenerali jistgħu jkunu suxxettibbli li jkollhom riperkussjoni kunsiderevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industriji tal-faħam jew ta' l-azzar fis-sens ta' l-Artikolu 67(1) KEFA, mingħajr madankollu ma jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.

L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 67(2) KEFA, li jippermetti, b'deroga mill-Artikolu 4 KEFA, l-ġhoti ta' għajjnuna fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni lill-impriżi msemija fl-Artikolu 80 KEFA, ma jiddistingwix bejn l-ghajjnuna speċifika għas-settur tal-faħam u ta' l-azzar u dik li tapplika għal dan bħala r-riżultat ta' miżura ġenerali.

(ara l-punti 31-37)

Fl-aħħar nett, għajjnuna mill-Istat mogħtija lil impriża li taqa' taħt it-Trattat KEFA tinvolvi effetti anti-kompetittivi identifiċi irrispettivament minn jekk din hijiex għajjnuna individwali jew għajjnuna mogħtija b'applikazzjoni ta' skema ta' għajjnuna mill-Istat mhux speċifika għas-settur tal-faħam u ta' l-azzar.

2. Il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 15 KE għandha tkun adattata għan-natura ta' l-att in kwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament ta' l-istituzzjoni, awtriċi ta' l-att inkriminat, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lil qorti Komunitarja teżerċita l-istħarriġ tagħha. Mhuwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, peress li l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 15 KE għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-kliem tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam in kwistjoni.

Għaldaqstant, l-Artikolu 4(c) KEFA japplika għall-ghajjnuna mill-Istat mħallsa lil impriżi ta' l-azzar u tal-faħam b'applikazzjoni ta' skema ta' għajjnuna mill-Istat li mhijiex speċifika għas-settur tal-faħam u ta' l-azzar.

(ara l-punt 56)

3. Mill-Artikolu 305(1), jirriżulta li t-Trattati KE u KEFA huma awtonomi u li t-Trattat KE kif ukoll id-dritt sekondarju stabbilit abbażi tiegħu ma jistax jipproduċi effetti fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE japplikaw biss b'mod sussidjarju, fin-nuqqas ta' regola speċifika fit-Trattat KEFA.

Għalkemm ir-regoli previsti mill-Artikoli 10(1) u 15 tar-Regolament Nru 659/1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [88 KE], ma japplikawx bħala tali fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA, dawn huma ggwidati, fil-kamp ta' għajjnuna mill-Istat, mir-rekwiżit fundamentali ta' ċertezza legali.

Bl-istess mod, billi pprojbixxiet, fl-Artikolu 1 tat-Tielet Kodiċi ta' Għajjnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, kemm l-għajjnuna speċifika għas-settur ta' l-azzar kif ukoll l-għajjnuna mhux speċifika għall-imsemmi settur, il-Kummissjoni ma setgħetx tipproċedi għal irtirar impliċitu ta' deċiżjoni li tiddikjara skema ta' għajjnuna mhux speċifika għas-settur tal-faħam u ta' l-azzar kompatibbli mas-suq komuni abbażi ta' l-Artikoli 87 KE u 88 KE.

Madankollu, in-notifika ta' għajjnuna mill-Istat hija element ċentrali tas-sistema Komunitarja tal-kontroll tagħha u l-impriżi li jibbenefikaw minn din l-għajjnuna ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq aspettattiva leġittima fir-rigward tar-regolarità tagħha jekk din ma kinitx ingħatat b'osservanza ta' din il-proċedura.

(ara l-punti 87-89)

Barra minn hekk, is-sistema prevista mit-Trattat KEFA dwar l-għajjnuna mill-Istat tiddistingwi ruħha, permezz tan-natura partikolarment stretta tagħha, minn dik li taqa' taħt it-Trattat KE.

4. Anki fil-każ fejn il-leġiżlatur Komunitarju ma stabbilixxiex espressament terminu ta' preskrizzjoni, ir-rekwiżit fundamentali ta' ċertezza legali jipprekludi li l-Kummissjoni tista' iddewwem indefinittivament l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha.

Għaldaqstant, meta, fil-kuntest tat-Trattat KEFA, għajjnuna kienet ġiet mogħtija

mingħajr ma kienet innotifikata, id-dewwmien mill-Kummissjoni sabiex teżerċità s-setgħat tagħha ta' kontroll u sabiex tordna l-irkupru ta' din l-għajnuna jivvizzja b'illegalità din id-deċiżjoni ta' rkupru biss f'każijiet eċċezzjonali li juru nuqqas manifest tal-Kummissjoni

u ksur evidenti ta' l-obbligu tagħha ta' diliġenza.

(ara l-punti 100-107)